Għawdex — il-Gżira tat-Tliet Għoljiet (1)

# Għawdex Storiku

Għawdex għandu ħafna komuni ma' l-istorja ta' Malta. Iżda hemm erba' ġrajjiet li jagħżlu lil din il-gżira mill-gżejjer l-oħra. Dawn il-ġrajjiet taw xi elementi li jiffurmaw ir-'ruħ' tal-Għawdxi ta' llum. Dawn huma l-ħajja preistorika, il-Muniċipju Ruman, l-Assedju ta' l-1551 u żmien il-Franċiżi.

- **L-ewwel nies li waslu f'Għawdex kien madwar 7000 sena qabel Kristu.**
- **Ir-Rumani ħolqu l-Muniċipju Għawdxi.**
- **Fl-1551 seħħ l-Assedju ta' Għawdex.**

MINN J.C. CAMILLERI

Għawdex hi t-tieni l-ikbar gżira ta' l-arċipelagu Malti. Hi għandha firxa art ta' 67.078 kilometru kwadru u għandha popolazzjoni ta' 25,500 ruħ. Il-gżira ta' Kemmuna hi marbuta magħha. Din, flimkien mal-gżira ta' Kemmunett, għandhom firxa ta' 2.784 kilometri kwadri.

L-ewwel nies li waslu f'Għawdex kien madwar 7,000 sena Qabel Kristu. Dawn waslu fuq ċatri u aktarx marru joqogħdu fl-għerien fil-Majjistral ta' Għawdex — f'Għajn Għabdun. Maż-żmien żviluppaw kultura u stil ta' ħajja tant li bnew tempju f'Santa Verna. Dan aktarx kien l-ewwel bini mibni għall-qima.

Wara bnew żewġ tempji oħra fl-istess lokalità — ix-Xagħra. Dawn huma magħrufa bħala t-Tempji tal-Ġgantija. Fil-gżira ta' Għawdex hemm fdalijiet oħrajn ta' dawn iż-żminijiet, bħat-Tempju ta' l-Imramma, f'Ta' Ċenċ. Il-qalba tal-belt Victoria hu t-Tokk (Misraħ Indipendenza). L-oriġini ta' dan il-post imur għaż-żminijiet tal-Bronż.

Il-Feniċi waslu Għawdex xi 800 sena Qabel Kristu. Il-Feniċi ta' Kartaġni jew Puniċi semmew il-gżira ta' Għawdex **Gwl**, li tfisser ġifen. Ir-Rumani daħlu fis-sena 218 Qabel Kristu. Dawn ħolqu l-Muniċipju Għawdxi li kellu forma ta' gvern repubblikan. Dan il-Muniċipju kien joħroġ muniti. Ir-Rumani sejħu lil Għawdex **Gaulus**.

Fi żmienhom żviluppa ċ-ċentru taħt iċ-Ċittadella. Dan kien imdawwar bil-ħitan. Fiċ-Ċittadella kien hemm tempju dedikat lil Juno. Wara l-waqgħa ta' l-Imperu Ruman, waslu l-Biżantini u wara l-Għarab. L-Għarab ċekknu l-belt u bdew isejħu lill-gżira **Għawdex.**

### Aktar storja

Fi żmien Hohenstaufen, iċ-Ċittadella saret bħal post fortifikat li kien iservi bħala kenn għall-Għawdxin kollha. Fl-1397 inħolqot sistema ta' tmexxija interna magħrufa bħala *Universitas Gaudisii*. Iċ-Ċittadella saret Ċistrum li kien fiha knisja parrokkjali, djar, daħla u pont li jitla' u jinżel. Iċ-Ċittadella saret aktar importanti fi żmien l-Aragonizi. Dawn sejħu lil Għawdex Gozo, li tfisser ferħ. Il-knisja parrokkjali saret matriċi għaliex knisja oħra parrokkjali bdiet taħdem għall-ġid spiritwali tal-Għawdxin. Dawn in-nies għamlu funtana bejn dan iċ-ċentru u l-bajja tax-Xlendi. Wara, din il-lokalità saret magħrufa bħala l-Fontana.

Fl-1530 waslu l-Kavallieri ta' San Ġwann iżda l-interess tagħhom kien il-Port il-Kbir u Għawdex baqa' sieket. Kien hemm xi żvilupp żgħir fuq il-ħitan taċ-Ċittadella. Fl-1551 seħħ l-Assedju ta' Għawdex. It-Torok, taħt Sinam Pasha, attakkaw lil Għawdex. L-Għawdxin taħt il-Kavallier Bernardo De Opuo ċedew. Il-ħitan ma kinux b'saħħithom u ma kinux tajbin għall-qawwa tal-kanun Tork. L-Assedju spiċċa fis-27 ta' Lulju u ħamest elef Għawdxi sabu ruħhom ilsiera.



L-ARKIVJI NAZZJONALI — Bini tal-Librerija Pubblika ta' Għawdex

### Storja moderna

F'Settembru 1554 il-knisja matriċi reġgħet bdiet tiffunzjona. Il-ħitan taċ-Ċittadella kienu ssewwew sas-sena 1565 — is-sena ta' l-Assedju l-Kbir. Sa 1637 l-Għawdxin kienu obbligati permezz tal-liġi li jorqdu fiċ-Ċittadella. Familji sħaħ kienu jorqdu f'kamra waħda. Maż-żmien bnew torrijiet matul il-kosta u s-sigurtà daħlet fil-gżira Għawdxija. Eżempju ta' dan hu t-torri tad-Dwejra.

Fl-1693 faqqa' terremot li kompla qatel il-ħajja fiċ-Ċittadella. Tant li fl-1701 kien hemm biss 50 dar abitata. F'nofs is-seklu 18 bdiet tinbena belt fortifikata — il-Fortizza ta' Chambray. Il-ħlas tas-swar ħariġhom il-Kavallier Jacues Francois de Chambray. Telgħet ukoll fil-qalba tar-Rabat, il-*Banca Giuratale* — il-'parlament' Għawdxi.

Fl-10 ta' Ġunju, 1798 wasal Napuljun Bonaparte. Dan keċċa lill-Kavallieri u f'Settembru l-Maltin qamu kontra l-armata Franċiża u ħadu l-kampanja f'idejhom. Il-Franċiżi f'Għawdex għalqu ruħhom fiċ-Ċittadella iżda dawn ċedew fit-28 ta' Ottubru. It-tmexxija tal-gżira waqgħet f'idejn l-Arċipriet tar-Rabat — Cassar.

### Żmien l-Ingliżi

Għawdex mexa fuq l-istess passi ta' Malta meta daħlu l-Ingliżi. Il-bandiera Ingliża ttellgħet fuq il-kavallier ta' San Ġwann fil-gżira Għawdxija. Matul il-ħakma Ingliża twieldet id-djoċesi Għawdxija u fl-1840 inbena l-akwidott li ġab l-ilma minn Għar Ilma għar-Rabat. Il-Ġeneral Sir Leslie Rundle fetaħ il-Ġnien Rundle fil-qalba tar-Rabat.

Malta kisbet il-ħelsien tagħha u Għawdex beda jifforma parti minn stat ġdid bl-isem ta' Malta — l-isem ta' l-arċipelagu u l-ikbar gżira.

Għawdex kellu Kunsill Ċiviku fl-1961. Dan dam sas-sena 1973. Illum it-tmexxija politika hi f'idejn il-Ministru għal Għawdex (14 ta' Mejju, 1987) u kunsilli lokali. Hemm 14-il kunsill. Kemmuna flimkien mal-gżira żgħira ta' Kemmunett jinsabu taħt it-tmexxija ta' Għajnsielem. Illum Għawdex għandu l-*heliport* fix-Xewkija u l-port ta' l-Imġarr tkabbar biex jaqdi l-ħtiġiet tal-Għawdxin. Barra mix-Xewkija hemm qasam industrijali.

**REFERENZI**

Joseph Bezzina. **The Gozo Citadel — a Pictorial Guide.** Gaulitana. Nru 1. Bugelli. 1985.

Joseph Bezzina. **Gozo a photographic Guide.** Perfecta Advertising Limited. Floriana. 1989.

Joseph Bezzina. **Gozo — a historical glimpse.** Gaulitana. Nru 6. Bugelli 1988.

Kittieba Diversi. **Il-knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi Tagħhom.** Vol IV. Pubblikazzjoni Indipendenza. 1994.

Guido Lanfranco. **L-istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom.** Klabb Kotba Maltin 1999.

Joseph Bezzina. **The Peaceful Villages of Gozo.** Malta this Month. April '97. ◆